MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Numru 53/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Carlos Manuel Martina**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 53 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Carlos Manuel Martina, li bih hu ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-24 ta' Settembru 2009 ghall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filghaxija (11:30pm), l-akkużat Carlos Manuel Martina ġie Malta permezz ta' titjira ta' l-AirMalta KM 421 minn Brussels flimkien ma' Norma Estela Guzman. It-tnejn li huma ġew imwaqqfa mill-pulizija assistiti minn ufficjali tad-dwana u wara li saret tfittxija fuq l-akkużat Carlos Manuel Martina instab li kien qiegħed iġorr id-droga.

Illi din id-droga kienet ġo diversi kapsoli moħbija ġo kalzetta bejn saqajn l-akkużat Carlos Manuel Martina u

liema kapsoli kienu jikkontjenu 424.69grammi sustanza illeċita. Din is-sustanza ġiet annalizata minn espert imqabbad mill-Qorti u ikkonferma s-suspetti tal-pulizija li dan it-trab kien droga kokaina ta’ purita’ medja ta’ 28.262%. Il-prezz bl-imnut ta’ din il-droga perikoluża jammonta għal circa ta’ €32, 276.

Apparti li ġo din is-sustanza instabet is-sostanza perikoluża kokaina instabet ukoll sustanza oħra bl-isem ‘Levasimo’, liema sustanza tintuża bħala ‘cutting agent’. Din is-sustanza hija meqjusa bħala perikoluża u ta’ perikolu kbir għas-saħħa tal-bniedem.

Illi l-akkużat Carlos Manuel Martina ammetta mal-pulizija li f’Awwissu 2009 ossija xi erba’ ġimgħat qabel gie Malta, xjentement assoċja ruħu ma’ persuna oħra barra minn Malta u ikkumbina l-mezzi tiegħu ma’ ta’ din il-persuna sabiex b’hekk ikun jista’ jmexxi u jimporta illegalment id-droga f’Malta.

Illi fil-fatt l-akkużat Carlos Manuel Martina iltaqa’ ma’ Frankeli Martinez ġewwa diskoteka sitwata fiċ-ċentru ta’ Rotterdam l-Olanda u hemmhekk ftiehem ma’ din il-persuni biex jiġi Malta u jimporta d-droga Kokaina. Ftehmu li sabiex jagħmel dan Frankeli Martinez kellu jipprovdi d-droga u jirriserva kamra ġo hotel ġewwa Malta. Mill-banda l-oħra l-akkużat kellu jieħu ħsieb l-itinerarju tal-vjaġġ tiegħu. Ftehmu ukoll li jiltaqgħu dak in-nhar tal-partenza ġewwa l-ajruport ta’ Brussel sabiex hemm hekk Martinez jgħaddi d-droga li l-akkużat. L-akkużat kellu mbagħad jgħaddi din id-droga lil persuna oħra wara li din ta’ l-aħħar tagħmel kuntatt miegħu hawn Malta.

Illi ġie miftiehem ukoll li l-akkużat kellu jieħu s-somma ta’ €2000 ta’ din il-biċċa xogħol u stqarr ukoll illi b’din is-somma huwa kien beħsiebu jqatta’ ftit jiem ġewwa Malta mal-ħabiba tiegħu msemmija aktar ‘il fuq.

Illi in esekuzzjoni ta` dan il-pjan maħsub minn qabel, fis-24 ta’ Settembru 2009 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta’ filgħaxija (11:30pm), l-akkużat Carlos Manuel Martina ġie Malta permezz ta’ titjira ta’ l-AirMalta KM 421 minn

Brussels u moħbija wara il-parti intima tiegħu kellu 424.69grammi kokaina. Fortunatament din il-kunsinna kbira ta' droga kokaina ġiet maqbuda mill-Pulizija mal-wasla tagħha Malta ġewwa l-ajruport ta' Malta.

Illi id-droga kokaina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carlos Manuel Martina sar ħati talli assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina perikoluża f'dawn il-Gżejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq msemmi akkuża lill-imsemmi Carlos Manuel Martina ħati talli assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'dawn il-Gżejjer (kokaina) kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap. 101) jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni; talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u ghoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċentezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatjin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-htija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiż-żmien u ċirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża u ċioe' fil-24 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filghaxija (11:30pm), l-akkużat Carlos Manuel Martina ġie Malta permezz ta' titjira ta' l-AirMalta KM 421 minn Brussels. Illi moħbija fuqu huwa kellu d-droga li wara li saru t-testijiet mediċi meħtieġa gie ikkonfermat li l-akkużat kien qiegħed iġorr u jimporta id-droga kokaina.

Dan it-trab ġie annalizat minn espert imqabbad mill-Qorti w irriżulta l-ammont tal-kokaina kien ta' 424.69grammi ta' purita medja ta' 28.262%. Il-prezz bl-imnut ta' din il-droga perikoluża jammonta għal ċirca ta' €32, 276.

Illi d-droga kokaina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carlos Manuel Martina sar ħati talli importa jew esporta jew ġiegħel li tiġi importata jew esportata, jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tigi importata jew esportata mediċina perikoluża (kokaina) f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap.101) u ċioe' meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Carlos Manuel Martina, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (Kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap.101) u ċioe' meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba'

mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap. 101), fil-regolament 9(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (G.N. 292/1939) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew ghal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u ċirkostanzi ndikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża u ċioe' fil- fil-24 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħaxija (11:30pm), l-akkużat Carlos Manuel Martina ġie Malta permezz ta' titjira ta' l-AirMalta KM 421 minn Brussels. Illi mohbija fuqu nstab l-ammont ta' 424.69grammi kokaina ta' purita' medja ta' 28.262%. Il-prezz bl-imnut ta' din il-droga perikoluża jammonta għal ċirca ta' €32, 276.

Illi d-droga kokaina hija droga speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u l-imsemmi Carlos Manuel Martina ma kellux awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-liċenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tiegħu.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Carlos Manuel Martina sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar

Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wieħed taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Carlos Manuel Martina hati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wieħed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tieghu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba' mija u disgha u sittin euro u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1), 15, 20, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzat.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Carlos Manuel Martina, tas-17 t'Ottubru, 2011, fejn, wara

li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih, l-piena li għandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun wahda ta’ priġunerija għal perjodu ta’ tmien (8) snin flimkien ma multa ta’ tlieta w ghoxrin elf Euro (€23,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta’ htija ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kapitolu 101], inkluż il-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta’ kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta’ mobbli w immobbli tal-istess akkużat;

Rat illi waqt is-seduta tallum 7 ta’ Novembru, 2011, l-akkużat, mistoqsi jekk hux ħati skont l-Att tal-Akkuza, wieġeb billi stqarr li hu kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-tweġiba w tatu ftit taż-żmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-akkużat baqa` jtenni t-tweġiba li hu kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lil Carlos Manuel Martina ħati :-

1. talli fl-24 ta’ Settembru 2009, għall-ħabta tal-hdax u nofs ta’ filgħaxija, assoċja ruħu ma’ xi persuna jew persuni oħra barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f’dawn il-Gżejjer (kokaina) kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assożjazzjoni w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

2. talli fl-24 ta’ Settembru, 2009 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta’ filghaxija, importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi importata medicina perikoluza (Kokaina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-

imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

3. talli fl-24 ta’ Settembru, 2009 ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ filghaxija, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b’dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tiegħu u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero’ ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-preżentata b’arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Ikkonsidrat;

Qieset illi r-reat taħt it-tielet Kap tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huwa assorbit fl-ewwel u t-tieni kapi tal-Att ta’ l-Akkuza, stante li servew bhala mezz ghall-fini biex setgha jigi kommess r-reat in kwistjoni a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta’ tal-hati, l-kondotta ta’ qabel tal-hati, x-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjal, u b’ mod partikolari f’ dan il-kaz il-kwantita’ ta’ droga involuta fir-

reati, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, wara l qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 14(1), 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(ii)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi(Kap. 101) u r-regoli 4(a), 9 u 9(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati Carlos Manuel Martina ghall-piena ta' tmien (8) snin prigunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull zmien li hi ghamlet taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll tikkundannha thallas is-somma ta' tlieta w ghoxrin elf Euro (€23,000) multa konvertita fi tnax–il xahar prigunerija jekk ma jithallsux fi zmien hmistax, u s-somma ta' elf, mija u tmienja u tletin lira Euro u ghaxar euro centezmi import ta' l-ispejjez peritali (€1,138.10) a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li għandha tigi preżentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu magħha

jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-ħati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------